MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru 1091/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**MARTIN CILIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Martin Cilia ta' 39 sena, bin Emanuel u Philippa nee' Xerri, imwieled Haz-Zebbug, fis-7 ta' Frar 1965, residenti f'l-indirizz: 15 "Sapphire Court" Triq San Frangisk, San Pawl il-Bahar. Detentur tal-karta ta' l-identita numru 129265M.

Billi huwa akkuzat:

1. Talli fit-18 ta' Novembru 2004 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'Attard u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor minn vettura JBF657 tal-marka Mazda RX7, ta' Terrence Sammut liema vettura giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

2. Aktar talli fl-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar Lm4280 bi hsara ta' Colin Borg.

3. Aktar talli fl-istess cirkustanzi, bi hsara ta' Colin Borg, ghamel xi qliegh b'qerq.
Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 17 ta' Novembru, 2006 u nnutat li l-imputat Martin Cilia m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien tlett snin millum ihallas lill-parte civile Colin Borg il-bilanc dovut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 293, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali.

Issib lill-imputat Martin Cilia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien tlett snin millum ihallas lill-parte civile Colin Borg il-bilanc dovut u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Martin Cilia ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Martin Cilia jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Martin Cilia l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------